# Gwida għall-vittmi ta' vjolenza domestika

Manwal tal-Vjolenza Domestika
Miktub u ppublikat minn

Womens Rights Foundation

## WERREJ

**Introduzzjoni** ... 6

**Nifhmu l-Vjolenza Domestika.** ... 9

1. **X'inhi l-Vjolenza Domestika?** ... 9
2. **Min jista' jkun vittma ta' vjolenza domestika?** ... 10
3. **X'nista' nagħmel jekk jien vittma ta' vjolenza domestika?** ... 11
4. **Hemm xi ħadd isegwi l-movimenti tiegħi?** ... 13
5. **Jekk nitlaq mid-dar matrimonjali nitlef id-drittijiet tiegħi?** ... 13
6. **Għandi nirrapporta l-aggressur lill-pulizija?** ... 14
7. **X'għandi nistenna wara li nagħmel rapport lill-pulizija?** ... 14
8. **Nista' nirtira rapport li jkun sar lill-pulizija?** ... 15
9. **Wara li nagħmel rapport, il-pulizija tagħtini protezzjoni?** ... 16

**Qrati Kriminali u Ċivili** ... 17

1. **Tista' tinħariġli ordni ta' protezzjoni?** ... 17
2. **Xi jkun fiha ordni ta' protezzjoni u kemm iddum valida?** ... 18
3. **X'jiġri jekk l-aggressur tiegħi jikser l-ordni ta' ħarsien?** ... 18

**X'jiġri fil-Qorti Kriminali** ... 20

1. **X'inhuma d-drittijiet tiegħi waqt proċeduri il-Qorti?** ... 21
2. **X'nista' nagħmel biex nipprova l-każ tiegħi quddiem il-Qorti?** ... 22
3. **Irrid bilforsi nixhed kontrih?** ... 23
4. **It-tfal ikollhom jixhdu?** ... 23

**Qorti Ċivili: Rikors fil-Qorti tal-Familja** ... 25

1. **Jekk jien vittma ta' vjolenza domestika irrid ngħaddi mill-proċess ta' medjazzjoni?** ... 25

2. Nista' nitlob lill-Qorti tordna lill-aggressur biex jitlaq mid-dar? 25
3. Tista' l-Qorti tagħtini l-kura u l-kustodja tat-tfal? 25
4. Nista' nitlob manteniment kemm għalija u għat-tfal? 26
5. Il-ġenitur abużiv jista' jingħata dritt ta' aċċess għat-tfal? 26
Kumpens għall-vittmi ta' vjolenza domestika 27

Il-Fondazzjoni għad-Drittjiet tan-Nisa hija kommessa li tipprovdi informazzjoni, edukazzjoni u tagħrif lin-nisa dwar id-drittijiet legali tagħhom. Dan tagħmlu billi:

- Tipprovdi pariri legali bla ħlas u b'mod kunfidenzjali minn avukati kwalifikati
- Tgħin lin-nisa jifhmu u jibbenefikaw mid-drittijiet legali tagħhom permezz ta' sessjonijiet ta' tagħrif u taħriġ
- Tiżgura li d-drittijiet tan-nisa ikunu protetti b'riformi leġislattivi u ta' policy, tqajjem kuxjenza u toffri taħriġ lil individwi u għaqdiet.

Women's Rights Foundation, 203, Vincenti Building, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, VLT 1445
Email:-info@wrf.org.mt
Website:-www.wrf.org.mt

Riżerva: il-manwal joffri targħif bażiku dwar drittijiet, liġijiet, proċessi u proċeduri li japplikaw wara rapport ta' vjolenza domestika f'Malta. Dan il-manwal huwa intiż biss bħala mezz ta' tagħrif u m'għandux jinftiehem bħala parir legali. It-tagħrif f'dan il-manwal huwa korrett sa Ġunju 2018. Il-Fondazzjoni għad-Drittijiet tan-Nisa ma tassumi l-ebda responsabilta' għall-konsegwenzi ta' dipendenza fuq it-tagħrif legali inkluż f'dan il-manwal.

**Kull dritt mużmum. L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta, maħżuna f'sistema ta' rkupru jew tramessa fi kwalunkwe forma u bi kwalunkwe mezz mingħajr il-permess minn qabel tal-Fondazzjoni għad-Drittijiet tan-Nisa**

**Rikonoxximenti**

Dan il-manwal kien iffinanzjat minn Small Initiative Support Scheme, Agreement Number 37/2017.

Rikonoxximent speċjali imur lil Dr Lara Dimitrijevic, Dr Stephanie Caruana, Dr Rebecca Muscat, Dr Kirk Brincau, Dr Ruth Ellul u Dr Penelope Vassallo għat-tħejjija ta' dan il-manwal u lil Rose Sciberras ghat-traduzzjoni tiegħu mill-Ingliż ghall-Malti, u lil Proteus Marketing & IT solutions Ltd. ghad-diżin tal-qoxra.

Il-Fondazzjoni għad-Drittijiet tan-Nisa hija grata lejn dawk kollha li appoġġjaw u kkontribwew għal din il-pubblikazzjni fosthom il-Victim Support Unit (Pulizija ta' Malta), Aġenzija Appoġġ, Dar Merħba Bik, SOAR u l-Kummissjoni tal-Volontarjat li approvat dan il-proġett.

## Introduzzjoni

Dan il-manwal jipprovdi tagħrif u appoġġ għal min ikun għadda minn esperjenza ta' vjolenza domestika. Jispjega wkoll x'inhuma l-elementi li jikkostitwixxu vjolenza domestika u hu intiż biex dik lit kun tgħin lilha nfisha billi jispjega d-drittijiet legali u kif tista' takkwista l-għajnuna tas-sistema legali. Din il-gwida tispjega wkoll l-istadji varji tal-proċess legali, mill-punt fejn tittieħed id-deċiżjoni li jsir rapport dwar l-inċident lill-pulizija, il-proċess quddiem il-qorti sas-sentenza u l-proċeduri ċivili.

Il-*Manwal tal-Vjolenza Domestika* huwa maqsum f'dawn it-taqsimiet:

1. Nifhmu x'inhuma dawk l-elementi li jikkostitwixxu vjolenza domestika kif ukoll x'jista' jsir jekk inti taħseb li int tista' tkun vittma ta' vjolenza domestika.

2. Id-differenza fl-irwol tal-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Familja. Din it-taqsima tesplora wkoll dak kollu li jista' jsir biex jinkisbu miżuri ta' protezzjoni.

3. Rimedji u kumpens għall vittmi ta' vjolenza domestika.

Huwa fatt magħruf li l-vjolenza domestika tolqot lin-nisa ferm aktar mill-irġiel, u dan irrispettivament mill-eta, stat soċjali, razza, etnicita u diżabilta. Skont ir-rapport tal-FRA (2014) waħda minn kull erba' nisa huma vittmi ta' vjolenza

domestika u tfal bniet sa l-eta ta' 15 irrapportaw li għaddew minn esperjenza ta' xi tip ta' abbuż sesswali.

Għadaqstant, f'dan il-manwal, nirreferu għall-perpetratur ta' vjolenza domestika bħala "hu" u għall-vittma li tgħaddi minn esperjenza ta' vjolenza domestika bħala "hi". Bdanakollu t-tagħrif f'dan il-manwal japplika bl-istess mod għal vittmi maskili ta' vjolenza domestika. Kull vittma ta' vjolenza domestika għandha d-dritt ta' rimedji legali.

Skont l-istadju li jkunu waslu fih il-proċeduri nużaw it-termini "l-akkużat", "is-suspettat" u "il-konvenut" biex niddiskrivu l-perpetratur u it-temini "il-kwerelanti", "ir-rikorrenti" jew "il-vittma" biex niddeskrivu l-persuna li tgħaddi minn esperjenza ta' vjolenza domestika.

Il-vjolenza domestika tista' titwettaq minn xi ħadd li miegħu int qegħda jew kont f'relazzjoni. Tista' tkun vjolenza fiżika, jew vjolenza sesswali jew abbuż psikoloġiku jew emozzjonali. Tista' ssir minn membru tal-familja tiegħek, u l-vittmi jistgħu ikun kemm adulti kif ukoll tfal.

Ħadd m'għandu d-dritt li jbeżża', jhedded, jinġurja, jinsulta jew jikkontrolla lil ħaddieħor. Dan huwa kontra l-liġi. Il-liġi u s-sistema legali qegħdin hemm biex jipproteġuk. Għandek id-dritt li tingħata tagħrif dwar is-servizzi li jeżistu, dwar kull azzjoni li tkun ittieħdet wara r-rapport tiegħek u dan b'lingwa li inti tifhem, kif ukoll informazzjoni dwar kull proċeduri kriminali li jkunu tmexxew.

Is-sistema legali taf tħawwdek u tintimidak u taf ukoll tiskoraġġik milli tfittex l-għajnuna li tinħtieġ. Proċeduri fil-Qorti jistgħu jirrikjedu tul ta' żmien, ħafna xogħol u ħafna paċenzja.

L-għan ta' dan il-manwal huwa li jgħinek billi jwassallek it-tagħrif li tinħtieġ dwar is-sistema legali, kif ukoll spjegazzjoni ġenerali tad-drittijiet legali tiegħek.

**Nifhmu l-Vjolenza Domestika.**

1. <u>**X'inhi l-Vjolenza Domestika?**</u>

Vjolenza domestika tista' tkun ta' forom diversi, inkluż abbuż fiżiku, psikoloġiku, sesswali u finanzjarju. Barra minn hekk, tista' tkun riżultat kemm ta' azzjoni kif ukoll ta' ommissjoni. L-annuż jista' jieħu l-forma ta' swat, ħruq, abbuż sesswali, insulti bil-kliem, theddid, akkużi ta' infedelta bla ebda bażi, izolament soċjali, kontroll finanzjarju, jew persekuzzjoni (stalking) fost il-ġafna eżempji li nistgħu nsemmgħu. Dan l-abbuż jista' jkun kontinwu, jew jista' jseħħ f'inċidenti ta' kultant.

L-Att dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika jiddefinixxi l-vjolenza domestika bħala: '*kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika.*'

Li ġejja hija lista ta' azzjoniijiet jew ommissjonijiet li jistgħu jgħinuk tiddeċiedi jekk int jew xi ħadd li inti taf intix jew hijiex vittma ta' abbuż.

Is-sieħeb tiegħek:

- il-ħin kollu jikkritika lilek jew dak li kapaċi tagħmel?
- Iġib ruħu b'mod protettiv iżżejjed jew jgħir għalik b'mod estrem?
- Jheddek li jweġġa' lilek jew lit-tfal jew l-annimali tal-familja, jew lill-qraba jew hbieb tiegħek jew lilu nnifsu?

- Jimpedik milli tara l-qraba jew il-ħbieb tiegħek jew milli issib impieg?
- Jirrabja f'daqqa waħda u spiss jitlagħlu?
- Ma jtikx aċċess għall-kotba tal-bank jew karti ta' kreditu, jew jikkontrolla l-finanzi kollha u jġegħlek taghti rendikont ta' kull ma tonfoq?
- Juża l-intimidazzjoni u l-manipulazzjoni biex jikkontrolla lilek jew l-uliedek?
- Jerfa' idu fuqek, itik bil-ponn jew bil-ħarta, jimbuttak, jifgak jew jigdmek?
- Iżommok milli tmur fejn trid, meta trid u ma' min trid?
- Jisfurzak għas-sess meta int ma tkunx trid jew waqt is-sess jagħmel affarijiet li int ma tridx?
- Jumiljak u jġegħlek tistħi quddiem in-nies?

Jekk irrispondejt 'iva' għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet, int tista' tkun vittma ta' vjolenza domestika. It-tort mhuwiex tiegħek u int m'intix waħdek. Inti jistħoqqlok l-għajnuna u l-għajnuna qed tistennik.

## 2. Min jista' jkun vittma ta' vjolenza domestika?

Kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jisgħtu ikunu vittimi ta' vjolenza domestika,  għalkemm statistikament dan ir-reat jolqot aktar lin-nisa milli lill-irġiel.  Il-kelma 'vittma' għandha defininizzjoni wiesgħa fil-liġi  għax il-ligi tirreferi għal 'familja jew unità domestika' u tinkludi kull persuna li taqa' taħt waħda minn dawn il-kategoriji:

- persuni li huma jew kienu miżżewġin, jew f'unjoni ċivili, jew f'koabitazzjoni;

- persuni li jgħixu fl-istess dar mal-awtur tar-reat jew li kienu jgħixu fl-istess dar miegħu f'perjodu sa tlett snin qabel id-data tar-reat;
- persuni li ż-żwieġ tagħhom gie xolt jew annullat;
- axxendenti jew dixxendenti;
- adulti oħra li jgħixu fl-istess dar;
- persuni f'relazzjoni informali, li huma jew li kienu qegħdin jiffrekwentaw lil xulxin;
- persuni li huma jew kienu formalment jew informalment għarajjes lil xulxin bil-għan li jidħlu fi żwieġ jew unjoni ċivili;
- persuni li huma relatati ma' xulxin mid-demm jew miż-żwieġ sat-tielet grad inklużivament (bħal per eżempju nanniet, zijiet, kuġini, eċċ);
- persuni li għandhom jew kellhom wild in komuni

## 3. <u>X'nista' nagħmel jekk jien vittma ta' vjolenza domestika?</u>

Bħala regola ġenerali, l-ewwel ħaġa li għandek tieħu ħsieb hija **s-sigurta tiegħek innifsek**.

Jekk issib ruħek f'<u>sitwazzjoni ta' emerġenża</u>, jiġifieri sitwazzjoni li hija ta' theddida immedjata għal ħajtek jew il-proprjeta tiegħek, għandek tikkuntattja l-pulizija għal għajnuna immedjata billi ċċempel in-numru 112. Dan in-numru jista' jinqabad kemm minn linja normali kif ukoll minn fuq il-mobile minn kwalunkwe pajjiz tal-Unjoni Ewropeja. Barra minn hekk, tista' taqbad in-numru 112 anke jekk fil-mobile m'għandekx sim card jew kreditu fuq is-sim card. Kif appena taqbad mal-persuna li tirrispondik għandek mill-ewwel ittiha l-indirizz ta' fejn tinħtieġ l-għajnuna, in-numri tat-

telefon jew mobile fejn il-pulizija tista' ċċempillek lura, jekk ikun hemm bżonn, u deskrizzjoni tal-inċident ta' vjolenza domestika.

Meta s-sitwazzjoni mhiex emerġenza, tista' tagħmel waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

a. Tista' tirrapporta l-każ lill-Pulizija jew billi ċċempel jew billi tmur fl-Ghassa tal-Pulizija tal-lokalita tieghek. Tista' wkoll taghmel rapport bil-miktub, kemm waħdek kif ukoll bl-ghajnuna ta' avukat. Rapport bħal dan irid ikun fih id-dettalji personali tiegħek (isem u kunjom, indirizz u numru tal-Karta tal-Identita).

b. Tista ċċempel il-Linja ta' Appoġġ dwar Abbuż fuq Tfal u Adulti numru 179 (24 siegħa kuljum), mingħajr ħlas.

c. Tista' titlob il-parir ta' professjonisti legali jew titlob l-għajnuna ta' għaqdiet volontarji li joffru appoġġ legali.

d. Tista' titlob l-għajnuna tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali billi ċċempel lill-Aġenzija Appoġġ fuq 2295 9000

Din il-link tagħtik ħjiel tas-servizzi kollha pprovduti kif ukoll tal-agenziji u organizazzazzjonijiet li joffru appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza domestika.

https://meae.gov.mt/en/ZeroViolence/Documents/ZV_CollectionOfServices.pdf

Huwa fl-interess tiegħek li wara inċident ta' vjolenza domestika tmur fl-eqreb sptar jew ċentru tas-saħħa biex jinżamm rendikont tal-ġrieħi kollha li jkollok. Ħu r-ritratti tal-ġrieħi u żomm record tal-messaġġi, emails u kull komunikazzjoni li tirċievi mingħand l-aggressur.

Żomm kopja ta' dokumenti, bħal ċertifikati, kuntratti, passaport u dokumenti oħra li jidhirlek li huma important.

4. **Hemm xi ħadd isegwi l-movimenti tiegħi?**

Li ssus wara persuna oħra (stalking) huwa reat gravi ħafna. Dan iseħħ meta l-aggressur, jew xi ħaddieħor, intentezjonalment u ripetutatment jaġixxi b'mod li jqanqal fik biżgħa dwar is-sigurta tieghek innifsek, is-sigurta ta' membru ieħor tal-familja, jew xi ħadd li taf, jew tal-proprjeta tiegħek.

Eżempji ta' stalking jistgħu jinkludu:

- meta l-aggressur isegwi l-movimenti tiegħek kemm fiżikament jew billi jqabbad lil ħaddieħor imur f'postijiet fejn int tkun ta' sikwit (per eżempju d-dar, l-iskola, fuq ix-xogħol eċċ)
- jiffastidjak ripetutatment;
- jissindika t-telefonati u l-emails tiegħek;
- iġegħlek tibża';
- jikkomunika miegħek il-ħin kollu (per eżempju b'telefonati, ittri, emails, messaġġi, fjuri, kontra x-xewqa tiegħek)
- jippublika nformazzjoni dwarek mingħajr il-kunsens tiegħek jew jippublika l-korrispondenza ta' bejnietkom.

Għandek iżżomm record ta' dawn l-atti kollha ta' persekuzzjoni. l-istalking huwa reat perikoluż ħafna u għadaqstant għandek tieħu parir mingħand professjonista kwalifikat dwar il-miżuri li tista' tieħu biex tipproteġi lilek innifsek.

5. **Jekk nitlaq mid-dar matrimonjali nitlef id-drittijiet tiegħi?**

Le, id-drittijiet tiegħek fuq id-dar matrimonjali, id-dritt tiegħek għall-manteniment u kwalunkwe dritt ieħor li joħroġ miż-żwieġ jibqgħu mhux mittifsa bil-fatt li inti titlaq mid-dar

matrimonjali minħabba vjolenza domestika. Bdanakollu ikun aħjar jekk inti tavża lill-pulizija bir-raġuni għaliex tlaqt mid-dar matrimonjali ladarba sibt post ieħor fejn tgħix.

## 6. Għandi nirrapporta l-aggressur lill-pulizija?

Inti jistħoqqlok tgħix ħajja ħielsa minn kull aggressjoni u vjolenza. Jekk tirrapportax jew le hija deċiżjoni tiegħek, pero, jekk il-pulizija issir taf li seħħ inċident ta' vjolenza domestika hija marbuta bil-liġi li tinvestiga u tieħu passi għax ir-reat ta' vjolenza domestika huwa reat 'ex officio' anke jekk inti stess ma tirrappurtahx.

M'għandekx tħoss sens ta' ħtija jekk tirrapporta lill-aggressur. It-tort huwa tiegħu mhux tiegħek.

## 7. X'għandi nistenna wara li nagħmel rapport lill-pulizija?

Meta tmur tirrapporta fl-Ghassa, il-pulizija tħejji rapport ta' dak li jkun ġara skont ma' tgħidilhom int. Għandek titlob lill-uffiċjal tal-pulizija biex jaqralek dak li jkun kiteb fir-rapport biex tiżgura ruħek li l-ebda dettall li inti tqis li hu important ma jitħalla barra. Barra min hekk għandek dritt li tingħata kopja ta' dan ir-rapport. Huwa fl-interess tiegħek li titlob kopja tar-rapport u turiha lill-avukat tiegħek jekk tagħżel li tqabbad avukat.

La darba jkollha rapport, il-pulizija tipprova tikkommunika mal-aggressur.

F'ċerti każi, meta l-pulizija tqis li hemm il-ħtieġa li tevita aktar ħsara fiżika lilek jew lil xi ħaddieħor, il-pulizija tista' tarresta lill-aggressur. F'dak il-każ l-akkużat irid jitressaq 'il Qorti fi żmien 48 siegħa.

Inti għandek dritt tkun mgħarrfa, f'lingwa li inti tifhem, dwar l-istadju li tkun waslet fih l-investigazzjoni kif ukoll dwar fejn ikunu waslu l-proċeduri kriminali.

Għandek ukoll dritt li tkun mgħarrfa mill-pulizija dwar jekk dawn ikunux arrestaw lill-aggressur jew telquhx mill-arrest, skond x'ikun il-każ, dwar l-akkużi li se jitressqu kontrih, kif ukoll dwar id-deċiżjoni tal-Qorti.

Il-pulizija huma wkoll fid-dmir li jinfurmawk dwar x'miżuri hemm il-ħsieb li jittieħdu biex jipproteġu lilek kemm-il darba l-aggressur jaħrab mill-kustodja tal-pulizija jew jiġi rilaxxjat mill-arrest.

## 8. Nista' nirtira rapport li jkun sar lill-pulizija?

Le, la darba l-pulizija ssir taf li seta' seħħ ir-reat ta' vjolenza domestika huma obbligati li jipproċedu 'ex officio'. Dan ifisser li l-pulizija għandha s-setgħa li tinvestiga l-inċident anke mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-vittma. Għaldaqstant, la darba inti tkun għarraft lill-pulizija b'dak li jkun ġara, ma tista' ssir l-ebda pressjoni fuqek jew tintalab li tirtira r-rapport sew jekk dan isir verbalment u sew jekk tintalab li tiffirma xi dikjarazzjoni li int qed tirtira l-ilment tiegħek.

## 9. Wara li nagħmel rapport, il-pulizija tagħtini protezzjoni?

La darba jkun sar rapport, il-pulizija, flimkien ma' social worker, huma obbligati li immedjatament jevalwaw il-grad ta' periklu li inti tkun tinsab fih.

Jekk minn din l-evalwazzjoni jirriżulta li int qegħda f'riskju serju, il-pulizija jridu immedjatament jitolbu 'l-Maġistrat ta' l-għassa biex joħroġ ordni temporanja ta' protezzjoni. Din l-ordni temporanja ta' protezzjoni tinħareġ wara li l-Maġistrat ikun sodisfatt illi hemm raġunijiet biżżejjed biex din tinħareġ. Il-Maġistrat għandu 6 siegħat minn meta jkun iddaħħal ir-rikors tal-pulizija biex jiddeċiedi.

Ordni temporanja ta' protezzjoni tibqa' valida sakemm l-aggressur jitressaq 'il-Qorti u tista' tkun imġeddha skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-estinsjoni tista' tintalab minnek stess jew mill-pulizija.

## Qrati Kriminali u Ċivili

Hemm żewġ tipi ta' Qorti li jistgħu jagħtuk ħarsien - dik Kriminali u dik Ċivili. Il-Qorti tal-Familja hija qorti ċivili li qegħedha hemm biex tħares lilek u l-familja tiegħek.

1. **<u>Tista' tinħariġli ordni ta' protezzjoni?</u>**

Jekk inti miżżewġa, jew qegħda f'unjoni ċivili, jew f'koabitazzjoni jew għandek tfal flimien mal-aggressur tiegħek, inti tista' titlob lill-Qorti tal-Familja biex toħroġlok ordni ta' protezzjoni. Din it-talba ssir permezz ta' rikors ppreżentat mill-avukat tiegħek. Il-każ tiegħek jiġi appuntat għas-smiegħ fi żmien erbat (4) ijiem tax-xogħol.
Tista' wkoll titlob il-ħruġ ta' ordni ta' harsien permezz ta' rikors quddiem il-Qorti Kriminali, kemm-il darba l-aggressur ikun imħarrek jw akkużat (jiġfieri jew arrestat u mressaq quddiem il-Qorti fi żmien 48 siegħa jew fejn tkun inħarget akkuża għalkemm l-aggressur ma jkunx arrestat.)
La darba jkun ippreżentat rikors, il-Qorti trid tappuntah għas-smiegħ fi żmien sebat (7) ijiem.

Fiż-żewġ każi, kemm jekk ir-rikors isir fil-Qorti tal-Familja jew fil-Qorti Kriminali, l-Imħallef jew il-Maġistrat, skont il-każ, irid jikkonsidra:-

- Il-protezzjoni tiegħek minn kull ħsara jew molestja;
- Il-ħarsien ta' uliedek jew dipendenti oħra li jistgħu ikunu affettwati;
- L-akkomodazzjoni tiegħek u ta' uliedek u dipendenti oħra;
- It-tbatija li tista' tkun ikkaġunata lill-aggressur;
- Ir-rieda tal-aggressur li joqgħod għat-trattament li l-Qorti jidhrilha li jinħtieġ.

Il-Qorti toħroġ ukoll ordni ta' protezzjoni jekk jidhrilha illi int jew id-dipendenti tiegħek, skont il-każ, tistgħu tkunu f'riskju serju.

## 2. Xi jkun fiha ordni ta' protezzjoni u kemm iddum valida?

Ordni ta' ħarsien tista' tirristrinġi jew timpedixxi lill-aggressur milli jersaq lejk jew jikkomunika miegħek, milli jsegwi l-movimenti tiegħek, jiġi fid-dar, fil-post tax-xogħol, fl-iskola jew postijiet oħra li int tiffrekwenta anke jekk l-aggressur jippretendi li għandu dritt fuq dawk l-imkejjen.

Il-Qorti tista' tordna li l-ordni ta' protezzjoni tibqa' fis-seħħ sa 5 snin. Bdanakollu dan il-perjodu jista' jkun estiż skont iċ-ċirkustanzi tal-każ. Huwa rakkomandat li inti tkellem lis-social worker, lill-avukat u/jew organizzazzjoni li tipprovdi dan is-servizz jekk inti tibqa' suġġetta għall-molestja.

## 3. X'jiġri jekk l-aggressur tiegħi jikser l-ordni ta' ħarsien?

Meta tinħareġ ordni ta' ħarsien, din tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Kummissarju imbagħad ikun fid-dmir li jissorvelja l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fl-ordni li hi toħroġ.

Bdanakollu huwa dejjem rakkomandat illi inti żżomm id-dokument tal-ordni ta' protezzjoni dejjem fuqek fil-każ li l-aggressur jittanta jikkomunika miegħek bi kwalunkwe mod.

Il-liġi ma tgħid xejn dwar x'għandha tagħmel il-pulizija jekk l-aggressur jikser l-ordni ta' protezzjoni, bdanakollu l-pulizija

huma fid-dmir li jieħdu il-miżuri kollha għall-ħarsien tas-sigurta tieghek.

**X'jiġri fil-Qorti Kriminali**

Skont il-Liġi Kriminali, l-aggressur jista' jiġi kkastigat mill-Qorti Kriminali f'każ li jweġġgħek, jheddek, jimmolestak, isus warajk, jikkawżalek biżgħa b'theddid ta' ħsara lilek, lil oħrajn madwarek jew lil-proprjeta tiegħek, jassaltak sesswalment jew offiżi oħra relatati. Il-Qorti tista' tikkundannah għal sentenza ta' ħabs jew timmultah, jew it-tnejn f'daqqa. Apparti l-ħruġ ta' ordni ta' ħarsien, il-Qorti tista' toħroġ ukoll ordni ta' tratttament, jekk tħoss li din tista' tkun ta' benefiċċju għas-sigurta tiegħek u biex tevita ripetizzjoni tal-vjolenza.

Bħala l-persuna li tkun ressaqt l-ilment, l-irwol tiegħek f'kawżi kriminali huwa li tmur il-qorti biex tixhed u tgħid lill-qorti dwar il-ħsara li l-aggressur ikkawżalek. Xogħolok hu li tgħid il-verita kollha dwar dak li jkun ġara.

Huwa essenzjali li inti tidher quddiem il-Qorti fid-data stabbilita, għaliex jekk le, il-każ tiegħek jista' jaqa minħabba nuqqas ta' provi. Jekk ma tkunx tista' tattendi 'l-Qorti għal raġuni valida għandek tgħarraf b'dan lill-konsulent legali tiegħek jew lill-Qorti direttament.

Tista' tibni każ b'saħħtu jekk tixhed b'mod sħiħ dwar l-assalt jew ħsara li int sofrejt bl-aġir tal-aggressur, billi tippreżenta ritratti ta' xi ġrieħi li sofrejt u ċertifikati mediċi, kif ukoll li tressaq persuni oħra li jistgħu jixhdu dwar dak li jista' jkun rilevanti.

Il-proċeduri fil-qorti jafu jieħdu fit-tul, u għaldaqstant stenna li se jkollok tidher aktar minn darba waħda jew li se jkollok tistenna sakemm il-każ jibda jinstama', imma ibqa' ċerta li l-liġi tipproteġik milli terġa' tkun vittimizzata.

## 1. X'inhuma d-drittijiet tiegħi waqt proċeduri il-Qorti?

Illum il-ġurnata l-vjolenza domestika hija reat prosegwibbli ex officio u għaldaqstant m'għadx hemm il-ħtieġa tal-ilment tal-parti - il-pulizija tista' tmexxi minn rajha. Għalkemm inti ma tkunx parti fil-proċeduri, il-liġi xorta waħda ttik ċerti drittijiet bħala *parte civile*:

- Id-dritt għall-għajnuna legali. F'każ li int taħt l-eta għandek ukoll dritt għas-servizz ta' avukat tat-tfal.
- Id-dritt li tqabbad avukat jew prokuratur legali biex jassistuk, jippreżentaw il-provi u jeżaminaw jew jikkontroezaminaw ix-xhieda f'ismek.
- Id-dritt li tingħata spjegazzjoni sempliċi f'lingwaġġ li inti tista' tifhem
- Id-dritt li tingħata kull informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek inkluż kif tista' tikseb l-appoġġ, dwar il-proċedura ta' kif jitressaq ilment u kif takkwista l-protezzjoni.
- Id-dritt lit kun preżenti waqt is-smiegħ.
- Id-dritt li targumenta fil-qorti dwar jekk l-aggressur għandux jingħata l-liberta kundizzjonata (bail) jew le.
- Id-dritt li tingħata l-appoġġ li tinħtieġ, inkluż appoġġ psikoloġiku.
- Id-dritt ta' interpretu u li tingħata traduzzjoni tal-proċeduri kollha jekk init ma tifhimx il-lingwa użata waqt il-proċeduri.

Għalkemm m'għandekx dritt ta' appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, għandek id-dritt, bħala l-parti mweġġgħa,

li titlob li kopja tal-proċeduri kollha, flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali u titlob li jkun hu li jappella mis-sentenza.

- Meta jitressaq appell, int għandek id-dritt li tkun mgħarrfa bid-data tal-ewwel dehra u li tkun imdaħħla fil-proċeduri. F'dan l-istadju, int tista' wkoll tqabbad avukat biex jassistik, biex jagħmel sottomissjonijiet f'ismek u biex jeżamina jew jikkontroezamina x-xhieda f'ismek. Tista' wkoll titlob li l-qorti tippermettilek tressaq is-sottomissjonjiet tiegħek dwar is-sentenza li jixraq li tingħata lill-akkużat.
- Jekk il-każ tiegħek ikun qed jinstama' quddiem il-Qorti Kriminali, int għandek id-dritt li tressaq is-sottomissjonjiet tiegħek dwar is-sentenza li jixraq li tingħata lill-akkużat.

## 2. X'nista' nagħmel biex nipprova l-każ tiegħi quddiem il-Qorti?

Huwa mportanti li tikseb u żżomm kull prova dwar vjolenza domestika biex tkun tista' tevita konfront dwar dak li tixhed int u dak li jixhed hu. Li ġejjin huma diversi tipi ta' evidenza li jistgħu jgħinuk tipprova l-każ tiegħek quddiem il-Qorti:

- Messaġġi ta' theddid bil-mobile;
- Messaġġi ta' theddid jew fastidju f'kummenti jew messaġġi fuq Fsacebook;
- Kwalukwe kitba jew messaġġ mingħand l-aggressur;
- Telefonati rrekordjati li fihom theddid u fastidju;
- Ritratti ta' ġrieħi personali jew ħsara fi proprjeta;
- Ċertifikti mediċi maħruġa wara nċident ta' vjolenza;

- Rapporti ta' psikoliġi jew psikjatri fejn l-abbuż ma jkunx fuq il-persuna;
- Rapporti tal-pulzija, u
- Stqarrijiet tax-xhieda meta x-xhud kien prżenti x'ħin seħħet il-vjolenza domestika.

## 3. Irrid bilforsi nixhed kontrih?

Ġeneralment ix-xhieda tiegħek hi essenzjali f'kawżi ta' vjolenza domestika għax normalment int biss tkun taf eżattament x'ġara.

Jekk tissejjaħ biex tixhed, int tista' tagħżel li tixhed permezz ta' video conference (jiġifieri ma tkunx preżenti fl-istess awla jew kamra mal-aggressur), pero hija l-Qorti li tiddeċiedi fuq talba bħal din. Tista' wkoll titlob li l-każ jistema' bil-bibieb magħluqa u li l-ismijiet ma jixxandrux.

## 4. It-tfal ikollhom jixhdu?

Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn it-tfal jintalbu li jixhdu, per eżempju, f'każi fejn kienu preżenti waqt l-aggressjoni jew fejn huma stess kienu l-vittmi.

Bdanakollu, skond il-liġi, Il-Qorti trid tqis il-bżonnijiet tat-tfal u fl-aħħar mill-aħħar dejjem se tiddeċiedi fl-aħjar interess tagħhom.

Jekk it-tifel jew tifla, anke jekk huma adulti, ma jkunux iridu jixhdu, ma jitsgħux ikunu sfurzati jagħmu dan għaliex il-liġi

ttiehom l-għażla li ma jixhdux kontra aggressor li jiġi minnhom.

## Qorti Ċivili: Rikors fil-Qorti tal-Familja

1. **Jekk jien vittma ta' vjolenza domestika irrid ngħaddi mill-proċess ta' medjazzjoni?**

Kull parti li trid tiftaħ kawża quddiem il-Qorti tal-Familja trid qabel xejn tersaq għall-medjażżjoni. Il-proċeduri ta' medjazzjoni jafu jkunu intimidanti anke jekk ikollok l-għajnuna jew rappreżentanza legali, Madankollu, din tista' tkun ukoll opportunita għalik ukoll.

Jekk il-medjatur isir jaf jew ikollu raġuni li jissuspetta li qed iseħħ vjolenza domestika, huwa fid-dmir li jinforma 'l-Qorti immedjatament. Tista' int uikoll ressaq il-provi meta int stess tkun qed taghmel it-talba għall-medjazzjoni. F'dak il-każ il-Qorti tista' tiddijara l-proċeduri ta' medjazzjoni huma magġluqa u tawtorizzak tgħaddi għall-kawża quddiem il-Qorti.

2. **Nista' nitlob lill-Qorti tordna lill-aggressur biex jitlaq mid-dar?**

Iva. Din it-talba tista' ssir fi kwalunkwe stadju tal-proceduri. Il-Qorti tifli l-każ li jkun tressaq quddiemha, u jekk il-vjolenza tirriżulta mill-provi, l-aggressur jiġi mġiegħel jitlaq mid-dar anke jekk id-dar tkun proprjeta tiegħu.

3. **Tista' l-Qorti tagħtini l-kura u l-kustodja tat-tfal?**

Il-Qorti dejjem tqis dak li hi fl-aħjar interess tat-tfal, iktar u iktar meta ikun każ vjolenza domestika.

(F'sitwazzjonijiet gravi, il-Qorti tista' teskludi l-ġenituri abbużiv mill-kustodja tal-ulied. Il-Qorti dejjem tqis il-vjolenza domestika bħala sitwazzjoni gravi.

4. **Nista' nitlob manteniment kemm għalija u għat-tfal?**

Iva. Tista' tagħmel talba għall-manteniment fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, anke jekk il-każ ikun għadu fl-istadju ta' medjazzjoni.

5. **Il-ġenitur abużiv jista' jingħata dritt ta' aċċess għat-tfal?**

Fejn ikun hemm prova ta' vjolenza domestika, il-Qorti tista' tillimita jew anke tiċħad l-aċċess għat-tfal. Dan japplika iktar u iktar f'każi fejn l-aċċess jista' jkun ta' periklu għalik u għal uliedek.

Fejn l-aċċess ikun qed jintuża biex l-aggressur aktar jikkontrolla lilek u lil uliedek, anke billi l-ġenitur abbiżiv ma jagħmilx użu mill-aċċess, il-Qorti tista' twaqqf id-dritt tal-aċċess.

Il-Qorti tista' tordna wkoll li l-aċċess isir taħt superviżjoni ta' awtorita kompetenti bħall-Aġenzija Appoġġ jew xi persuna oħra appuntata mill-Qorti.

**Kumpens għall-vittmi ta' vjolenza domestika**

Il-kumpens jista' jingħata kemm mill-Qorti Kriminali kif ukoll mill-Qorti Ċivili. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kriminali tista' tordna lill-aggressur iħallas kumpens għal kwalunkwe ħsara fiżika, morali u/jew psikoloġika li seta' kkawżalek.

Tista' wkoll tagħżel li tfittex lill-aggressur għad-danni morali u/jew psikoloġiċi f'Qorti Ċivili. Dan isir permezz ta' rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (mhux il-Qorti tal-Familja).

Fejn il-vjolenza domestika tikkonsisti fi stupru, ġrieħi gravi, traffiku ta' persuni jew stalking, inti tista' tagħmel talba taħt l-iskema tal-kumpens kriminali fi żmien sena mid-data li fiha ikun seħħ ir-reat. Dan japplika għal ċittadini Malta kif ukoll għal ċittadini tal-Unjoni Ewopeja li jkunu jgħixu f'Malta. Jekk it-talba tintlaqa', l-istat jista' jħallsek kumpens sa massimu ta' €23,000, li l-istat jirkupra mill-kumpens li inti tista' triċievi mingħand l-aggressur.

Small Initiatives Support Scheme

This project has been funded by the Small Initiatives Support Scheme (SIS), managed by the Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS). This project reflects the views only of the author, and the MCVS cannot be held responsible for the content or any use which may be made of the information contained therein.”

Malta Council for the VOLUNTARY SECTOR